MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tal-21 ta' Frar, 2011

Appell Kriminali Numru. 419/2010

**Il-Pulizija**
**(Spt. Raymond Aquilina)**
**Vs**
**Alexander Baldacchino**

Il-Qorti,

Rat l-akkuża dedotta kontra l-appellant (ID 258442(M) quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda :

(a) għal qliegħ, jew għat-tqassim, jew ghall-wiri f'post pubbliku jew f'post aċċesibbli ghall-pubbliku, mmanifattura, stampa jew xort'ohra ghamel, jew dahhal f'Malta, jew akkwista, zamm, iccirkola jew esporta xi stampat, tpingija, ritratt, film, ktieb, kartolina jew kitba pornografika jew oxxena jew xi oggett iehor, ikun li jkun, pornografiku jew oxxen, kemm jekk jixbah lil dawn ta' hawn fuq kemm jekk le;

(b) innegozja f'xi oggett stampat, tpingija, ritratt, film, ktieb, kartolina jew kitba pornografika jew oxxena jew xi oggett iehor, ukoll jekk dak in-negozju sar bil-mohbi, jew qassam xi oggett bhal dak jew wera xi oggett bhal dak fil-pubbliku jew f'post accessibbli ghall-pubbliku;

(c) uża l-fond "City Lights Capitol Cinema", cioe' 56, Triq San Gwann, Valletta, ghall-projezzjonijiet cinematografici w dan minghajr il-licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija;

(d) f'post pubbliku jew f'xi post miftuh ghall-pubbliku cioe' "City Lights Capitol Cinema" ghamel xi wirja bil-mezz ta' "projector" ta' films bil-"video" minghajr liċenzja minghand il-Kummissarju tal-Pulizija;

(e) ħaddem, makkinarju w apparat tac-cinema minghajr licenzji tal-awtorita' kompetenti meta din il-licenzja hija mehtiega mill-ligi jew mir-regolamenti maghmula mill-Awtorita' kompetenti.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-4 ta' Otturbu, 2010, li biha wara li rat l-artikolu 208(1)(2) tal-Kap. 9 sabet lill-appellant ħati u kkundannatu jħallas €466.

Applikat kontra l-appellant l-artikolu 533 tal-Kap. 9 u kkundannatu jħallas l-ispejjeż kollha inkorsi f'dawn il-proċeduri fin-nomina tal-esperti.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu ppreżentat fit-12 ta' Ottubru, 2010, li bih talab li din il-Qorti jogħġobha tvarja s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn illiberatu mill-akkuzi mmarkati bħala (c), (d) u (e) filwaqt li tirrevokaha fejn sabitu ħati tal-akkużi mmarkati bhala (a) u (b) u b'hekk tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni u htija.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor, huma s-segwenti u cioe':-

Illi bħala punt ġenerali jintqal li huwa prinċipju assodat fil-liġi u fil-ġurisprudenza tagħna li l-Qorti għandha dejjem tordna li ssirilha l-aħjar prova li parti tista' ġġib fil-kawza, w dan sabiex l-espożizzjoni tal-fatti tkun ċara kemm jista' jkun u l-Qorti tasal għall-iktar konklużjoni ġusta tal-każ miġjuba quddiemha.

Illi l-appellant huwa tal-fehma li l-prosekuzzjoni naqset milli tipproduċi mhux biss l-aħjar provi iżda addirittura ma pproduciet ebda prova in sostenn tal-akkużi kontra l-appellant. Din il-Qorti ghalhekk ma tistax tistrieh fuq is-supposizzjonijiet u l-ipoteżijiet u in vista tas-suespost, l-appellant għandu jiġi lliberat minn kull akkuża miġjuba kontra tiegħu.

Il-qofol tal-aggravju tal-appellant huwa li l-persuna maħtura bħala espert ma kenitx idonea sabiex tagħti fehma dwar jekk il-films għandhomx jitqiesu pornografiċi jew le. Skond l-appellant, il-Leġislatur ħatar il-Bord tal-Klassifika tal-Pellikoli u tal-Palk bil-leġislazzjoni sussidjarja 10.17 . Huwa dan il-Bord li għandu ħsieb jikklasifia l-produzzjonijiet tal-pellikoli u tal-palk u għalhekk l-Bord huwa l-organu idoneju li seta' jidentifika jekk il-pellikoli jaqgħux fid-definizzjoni ta' pornografija hekk kif itnsab fil-Leġislazzjoni sussidjarja 9.05 u cioe' r-Regolamenti dwar il-pornografija u l-oxxenita'.

L-appellant issottometta wkoll li l-Prosekuzzjoni f'ebda mument tal-proċeduri ma ipprojettat jew uriet il-kontenut tad-DVDs/ CDs/Videos.

Fl-aħħarnett l-Ewwel Onroabbli Qorti għażlet li tagħmel l-apprezzament tal-kontenut wara li kienu ngħalqu l-provi u allura d-difiża kienet mċaħħda mill-opportunita' li tistħarreġ il-kontenut ta' tali DVDs/CDs/Videos u għalhekk id-difiża

ma kellhiex l-opportunita' li tmexxi d-difiża tagħha b'mod komplet.

Ikkonsidrat

L-ewwelnett din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-fatti magħmul mill-Ewwel Onorabbli Qorti jekk din setgħet tasal għall-konklużjonijiet magħmula minnha raġonevolment u legalment.

Ikkonsidrat
Fil-fehma tal-Qorti, l-aqwa prova li hemm fil-proċess hija l-istqarrija tal-appellant a fol 39 et. L-appellant jgħid:

'Pero' ġieli kien hemm films tal-istess kalibru (bħal dawk iċċertifikati mill-Borf taċ-Ċensura) u jkunu biċ-ċertifikat minni stess li huma soft porn.'

Minn din l-isqarrija jidher li l-Bord taċ-Ċensura mhux dejjem għandu l-aħħar kelma dwar jekk ilm hux pornagrafika jew le għaliex l-appellant kultant qabad u 'kkalsifika' l-film hu.

Aktar 'il isfel huwa jgħid :

'Jien mhux dejjem nuri films pornografiċi.'

Din hija ammissjoni li kultant, skond il-fehma tal-appellant innifisu, huwa kien juri films pornografiċi.

Dejjem fl-istess paġina 40, meta kien mistoqsi :
'M: Meta qiegħed tgħid hekk, allura meta turi jew aħjar x'ħin turi films pornografiċi?
Huwa rrisponda:

'Jiddependi mill-pubbliku li jattendi. Ġilei jkolli anzjani Ingliżi li joqogħdu f'Malta u minflok film nagżel li nitfa' film ieħor pornografiku jew materjal oxxen ieħor bl-Ingliż'.

U, a fol 41, insibu dan is-silta:

‘M Int semmejt illi tniżżel il-flims pornografiċi jew materjal ieħor oxxen minn fuq is-satellita u tirrekordjah dirett għal fuq il-video jew DVD.  Dan tikkonfermah.

T: Iva

Omissis

M. kemm ilek tagħmel hekk?
T: Ilni ħafna.  Xi sena u nofs, sentejn ilni nagħmel hekk.’

Issa l-Ewwel Onorabbli Qorti, hija u tiddeċiedi dwar l-ewwel żewġ kapi:

(a) irreferiet għar-‘Regolamenti dwar il-Pornografija u l-Oxxenita’; u
(b) imbagħad qalet hekk:
*‘Illi minn dan il-punt m’hemmx wisq xi tgħid billi huwa wisq ċar li fiċ-ċinema in kwistjoni kienu qed jintwerew films ta’ natura pornografikca jew oxxena li kien fatt ben risaput u li għal ħafna minnhom ma kinux għaddew miċ-ċensura u lanqas approvati għall-wiri jew kienu b’xi mod klassifikati. Il-fimat esibit huwa eżempju klassiku; dan apparti l-fatt li l-imputat mistqosi waqt it-teħid tal-istqarrija mill-Pulizija jekk il-films fil-kalendarju (esibit a fol 43 et seq) kinux iċċensurati, irrisponda: ‘mhux kollha; naf mingħajr ma nħares lejhom.’  Huwa fatt be nispaut li dawn il-films imniżżla fil-kalendarju kienu ntiżi biex jintwerew. Għalhekk, taħt l-ewwel żewġ kapi l-imputat għandu jinstab ħati.’*

Il-Qorti kkwotat parti sostanzjali mir-raġunament tal-Ewwel Onorabbli Qorti sabiex turi li l-Ewwel Onorabbli Qorti straħet fuq x’qal l-appellant fl-istqarrija u mhux fuq l-opinjoni tal-espert kif allega l-appellant.  Ukoll jekk kien hemm l-opinjoni tal-eseprt, il-Qorti setgħet skartatu għaliex għandu s-setgħa li ma taqbilx mal-opinjoni.

Iżda l-appellant jissottometti li l-Ewwel Onorabbli Qorti jmissha qabbdet il-Bord taċ-Ċensura sabiex dan jagħti l-opinjoni tiegħu dwa jekk film hux pornografiku jew le. Issa waqt li huwa tassew li jeżisti dan il-Bord taċ-Ċensura

taħt il-Kap 10 tal-Liġijiet ta' Malta (Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija). Tassew ukoll li hija wkoll funzjoni ta' dan il-Bord li

'jikklasifika produzzjonijet ta' pellikoli u tal-palk fuq il-bażi ta' linji direttivi li jiġu abbozzati mill-Bord innifsu kif imsejsa fuq:

(a) il-livelli ta' moralita', diċenza u mġiba tajba b'modġenerali skond ma huma aċċettati minn adulti raġonevoli'

Iżda dan ma jfissirx li l-Ewwel Onorabbli Qorti kellha bil-fors tagra x'jgħid il-Bord taċ-Ċensura partikolament meta l-appellant innifsu kien iddeskriva uħud mill-films bħala 'soft porn'. M'hemm ebda regolament fil-Liġi li jeskludi l-analiżi soġġettiva ta' jekk ħaġa hix pornografika jew le.

Infatti r-'Regolamenti dwar il-Pornografija u l-Oxxenita' (9.05) saru taħt il-Kap 9 u mhux il-Kap 10 fejn jidher il-Bord taċ-ċensura. Tali regolamenti mkien ma jesiġu li jrid ikun il-Bord taċ-Ċensura biss li jgħid jekk oġġett għandux jitqies jekk hux pornografiku jew oxxen. Jista' jkun il-ġudikant innifsu li jagħmel dan, li jaqbel jew ma jaqbilx dak li jkun qal espert imqar jekk l-espert ikun ġej mid-dinja tal-arti. F'sistemi fejn is-sistema tal-ġuri huwa aktar estiż, jistgħu jkunu l-ġurati innfishom li jiddeċiedu dwar dan. (Ara: History Today: October 2010 'Trial of the Century' Penguin and the Publication of the novel 'Lady Chatterley's Lover.')

L-aħjar prova f'dan il-każ kienet l-istqarrija tal-appellant innfisu li l-Ewwel Qorti straħet fuqha u għalhekk il-Qorti qed tirrespinġi l-ewwel aggravju.

It-tieni aggravju huwa li qatt ma saret projezzjoni tad-DVDs/CDs/videos mill-Prosekuzzjoni matul il-proċeduri. Bir-rispett kollu, ma kienx hemm ħtieġa ta' dan biex jiġu ppruvati l-ewwel żewġ imputazzjonijiet li tagħhom instab ħati l-appellant. L-istqarrija tiegħu kienet biżżejjed u jekk ried jikkontesta li l-materjal ma kienx pornografiku seta'

faċilment jagħmel dan fil-fażi tad-difiża. Għalhekk il-Qorti qed tirrespinġi t-tieni aggravju.

It-tielet aggravju huwa li l-Qorti għamlet apprezzament tal-kontenut u allura d-difiża ma setgħetx tkun waħda kompleta. Il-Qorti għarblet il-proċess bir-reqqa u sabet Nota waħda tal-Prosekuzzjoni li kienet ippreżentata fil-15 ta' Marzu 2010, Nota Responsiva tal-appellant li kienet ippreżentata fl-10 ta' Mejju 2010 u t-tieni Nota responsiva tal-appellant datata fid-19 ta' Awwissu 2010. Fl-10 ta' Mejju 2010 l-kawża kienet differita għas-sentenza għas-26 ta' Lulju 2010, imbagħad għas-27 ta' Settembru 2010 u s-sentenza ngħatat fl-4 t'Ottubru 2010. Ma jidhirx li d-difiża ma ngħatatx żmien biżżejjed sabiex tagħmel is-sottomissjonijiet kollha jew li ġġib 'il quddiem xi prova għax sa dak in-nhar tas-sentenza stess d-difiża ngħatat ċans li tiddeponi. Għalhekk il-Qorti qed tirrespinġi t-tielet aggravju.

Għaldaqstant il-Qorti qed tiċħad l-appell u qed tikkonferma s-sentenza mogħtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti fl-ismijiet premessi nhar l-4 t'Ottubru 2010 **fl-intier tagħha.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------